Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,630, 21 ta' Mejju, 2021
Taqsima B

A.L. 218 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u bir-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u bir-regolamenti 3 u 4 tar-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru), il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*).

Tifsir.

L.S. 549. 42.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Restrizzjonijiet ta' kontroll.

3. Din id-deroga tapplika biss għall-kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*.

Stabbiliment tal-perjodu għall-kontroll.

4. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia* għandu jkun mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, iż-żewġ dati inklużi.

Kontroll skont qafas speċifikat.

L.S. 549. 85.

5. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia* għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru) u r-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.

---

* Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis dwar din id-deroga taħt l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva tal-Għasafar huma disponibbli fuq: https://mgoz.gov.mt/en/Pages/WBRU/Ornis-Commit-tee.aspx (17 ta' Marzu 2021).